Minuti tat-tieni laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Tlieta, 23 ta' April ta' 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Ġurament ta' Sindku u Viċi Sindku**

5 Il-ġurament tas-Sindku u Viċi Sindku ttieħed nhar il-Ġimgħa, 19 ta' April 2013.

**Item 2** Din il-laqgħa s-sejħet b'urġenza rigward l-attivita' ta' Jum Sannat.

6 Il-Kunsill qabel li l-attivita' ta' Jum Sannat li hi t-28 ta' April 2013 ser tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April 2013. L-attivita' ser tikkonsisti f'quddiesa fil-knisja arċipretali ta' Sannat fis-7.00 ta' filgħaxija. Wara ser issir serata mużikali fejn ser tieħu sehem il-banda D-Clefs li ser iddoq siltiet mużikali. Ser isir ukoll Quiz għat-tfal. Fl-istess serata ser jingħata l-premju Ġieħ Sannat. In-nominazzjonijiet għal dan il-premju ser jgħalqu l-Erbgħa, 24 ta' April 2013 f'nofs inhar.

Il-Kunsill ħatar il-Bord tal-Għażla li ser ikun kompost mill-Viċi Sindku Frances Galea u l-Kunsilliera Margaret Said u Joe Bajada. Il-Kunsillier Maria Cassar Sultana ma daħlitx fil-bord għar-raġuni li hemm iż-żiju tagħha li hu wieħed mill-persuni nominati. Dan il-Bord għandu jiltaqa' għada l-Erbgħa, 24 ta' April 2013 fil-4.30 ta' filgħaxija biex jintgħażel l-persuna li jixraqlu l-iktar il-Premju Ġieħ Sannat 2013.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eúekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535